# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Lulju 2015

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Sabiex fil-livelli kollha tar-responsabbiltà politika ngħixu l-imħabba fl-aqwa tagħha**

## Ninġabar:

Insib post għall-kwiet u pożizzjoni komda. Niftakar li jien parti minn dinja kbira ta' bnedmin... li xi wħud minnhom huma mexxejja. Nitlob lill-Mulej jeħodni f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-politika ma rnexxilhiex taqdi u ttejjeb il-ħajja tan-nies.

## Fatt ċkejken:



Mill-bidunett, Ernest ħa l-fama ta' politiku onest, bieżel u deċiż anke mal-klijenti tad-distrett fejn kien joħroġ. Għalhekk ħassu skomdu ħafna meta ċertu xwejjaħ baqa' jinsisti biex jidħol għandu. Dan il-fatt ġara meta, flimkien ma' oħrajn kien qed iżur, bieb bieb, kwartier mill-iktar fqir. Bir-raġun kollu, in-nies t'hawnhekk kienu jħaqquha kemm jifilħu ma' kwalunkwe politiku biex ikollhom kundizzjonijiet aħjar fejn jgħixu. Iżda f'din it-tgeġwiġija kollha kien hemm dan it-tali liebes donnu ħożoż, iross fuq id-Dott, kif kien isejjaħlu. Ernest stħajlu bħall-kostitwenti l-oħra, irid xi pjaċir li ma jafx ikunx jista' jagħtihulu. Ipprova jaħarbu imma x-xwejjaħ baqa' jagħfas fuqu sakemm, biex jeħles minnu, Ernest qallu: "Niġi iva... wara li nkun dort lil qrabatek kollha".

Il-lejl kien daħal ġmielu u Ernest, mifni kif kien, ħaseb biex jinġabar f'daru. Iżda x-xwejjaħ kien għadu ħdejh jistenna: "Għandi ma tiġix?" B'nofs qalb Ernest qatagħlu xewqtu u mexa warajh fi sqaq sakemm wasal ħdejn bieb baxx. X'ħin daħal ġewwa għaraf li ma kienx hemm tieqa f'dik id-dar b'kamra waħda. L-uniku dawl kien ħiereg minn xemgħa mixgħula quddiem statwa tal-Madonna. Ix-xwejjaħ ġieblu s-siġġu. Bil-qiegħda, Ernest staqsih, "xi trid minni, xwejjaħ?"

"Xejn"

"Xejn?"  "Xejn Dott! Nixtieq biss li nixorbu waħda flimkien. Tieħu tazza ħalib miegħi?"

Dan il-fatt stramb kellu effett kbir fuq il-ħidma ta' Ernest. Dakinhar tgħallem li anke l-politika tista' tkun il-post fejn tagħti u tirċievi l-imħabba.

## Naħseb ftit:

X'jgħaddi f'moħħi u f'qalbi waqt li nirrifletti fuq dan il-fatt?

Għandi amment ta' xi esperjenza fejn il-politika għamlet il-ġid madwari?

Il-Papa Franġisku sejjaħ lill-insara biex jagħtu s-sehem tagħhom fil-politika. X'nista' nagħmel, politikament, biex intejjeb l-ambjent li ngħix fih?

## Nitlob:

Agħtina l-kuraġġ, Mulej, li nsemmgħu l-valuri nsara tagħna fil-politika. Għin lill-mexxejja tagħna biex juru mħabba fil-qadi politiku tagħhom, u ma jinsewx lill-fqir u lil min hu l-aktar fil-bżonn.

## Kliem ta' dawl:

Kattoliku tajjeb jindiegħes fil-politika u jagħti l-aħjar li jista' biex min jiggverna jkun jista' jmexxi. X'inhi l-aħjar ħaġa li nistgħu nagħtu lil min jiggverna? It-talb tagħna!

*(Papa Franġisku, sett 2013)*

## X'nista' nagħmel:

Għandi xi tip ta' responsabbiltà fil-familja, fuq ix-xogħol, fi grupp?  Naħseb kif nista' mmexxi aktar bl-imħabba.